# 50 Sena mill-Kunsill Ċiviku Għawdxi

Is-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija ma kienux l-isbaħ fl-istorja tal-poplu Malti u Għawdxi. Is-sitwazzjoni politika fil-gżejjer tagħna nsibuha deskritta bħala konfuża, u din fissret li l-problemi u l-ħtiġijiet tal-Għawdxin kienu jitwarrbu fil-ġenb, u jintesew mal-medda taż-żmien. Minkejja dan, persuni li kellhom għal qalbhom il-ġid komuni t'Għawdex u l-poplu tiegħu ħarġu bl-idea li jiffurmaw kumitati ċiviċi li jiġbdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet dwar il- bżonnijiet lokali. Aktar tard oriġinat l-idea li l-poplu jkun rrappreżentat minn grupp ta' nies eletti minnhom stess għal żewġ għanijiet prinċipali: li jkunu responsabbli li jwasslu l-ilmenti tal-poplu b'mod b'saħħtu u għaqli lill-gvern ċentrali, u t-tieni sabiex jagħmlu pressjoni fuq il-gvern biex issir ħidma favur Għawdex.



L-erba' fundaturi tal-Kunsill Ċiviku Għawdxi kienu Dr Anton Tabone, Dr Ġużeppi Cauchi, Rikkardu Buhagiar, u Ġorg Xerri. Dawn iltaqgħu għall-ewwel darba nhar it-30 t'Ottubru 1958. Minn hawn bdiet l-inizjattiva sabiex jinħoloq statut għal dan il-kumitat. L-isqof Ġużeppi Pace aċċetta li jkun President Onorarju, kif ukoll li jinnomina rappreżentant, kif aċċettaw li jagħmlu l-arċiprieti u l-kappillani tal-parroċċi l-oħra. Il-koperazzjoni sħiħa mingħand dawk involuti kienet imprezzabbli, u wasslet sabiex anqas minn xahar wara l-ewwel laqgħa, nhar it-23 ta' Novembru 1958 saret l-ewwel laqgħa formali bil-membri kollha, 14 minnhom rappreżentanti tal-parroċċi. Dan il-Kumitat bagħat ittra lill-gvernatur ta' Malta fejn għarrfu bit-twaqqif tal-kumitat u talab biex ikun uffiċjalment rikonoxxut bħala l-Kunsill Ċiviku Għawdxi.

Fl-1959 saret ħidma biex jiġi ffurmat it-tieni Kunsill Ċiviku Għawdxi. Nhar it-12 ta' Ġunju l-kunsill ġie formalment iffurmat, biss din id-darba l-membri rappreżentanti tal-irħula kienu eletti mhux nominati. Għalkemm il- Kumitat Ċiviku Għawdxi ma ġiex rikonoxxut uffiċjalment, issa kien qiegħed jiġi mħares minn lenti aktar favorevoli mill-Gvernatur. Il-Gvernatur, waqt żjara f'Għawdex iltaqa' mal-Kumitat u f'diskors memorabbli wiegħed l-għajnuna tiegħu biex l-Għawdxin ikollhom sehem dirett fit-twettiq tal-affarijiet interni.

Il-Gvernatur żamm kelmtu, u f'avviż tal-gażżetta tal-Gvern tal-14 ta' Marzu 1960 għarraf uffiċjalment il-Kunsill Ċiviku Għawdxi b'effett mill-4 t'April tal-istess sena. Il-Kunsill kien magħmul minn membru elett minn kull raħal. Barra minn hekk nħolqu kumitati distrettwali magħmulin minn sitt persuni eletti. L-elezzjoni saret nhar l-4 ta' Ġunju 1961, u l- Kunsill beda l-ħidma tiegħu uffiċjalment fl-10 ta' Lulju, u kien storja ta' suċċess sa l-1973.

**Għajnsielem fil-Kunsill Ċiviku Għawdxi**

Wara l-elezzjoniji tal-4 ta' Ġunju ġie magħżul Joseph Cauchi għal Għajnsielem biex jirrappreżenta lil raħlu fil- Kunsill Ċiviku Għawdxi. Fl-elezzjoni għall-membri tal-kumitati distrettwali kkontestaw għal Għajnsielem seba' persuni. Is-sitt persuni li ġew eletti kienu Agius Carmel Anthony (430) , Cauchi Joseph Lawrence (501), Grech Anthony Francis (483), Scicluna Dominic (506), Scicluna Publius (482), u Xuereb Amabile (474). Scicluna Domenic akkwista l-akbar ammont ta' voti, 506 b'kollox.

Il-Kunsill Ċiviku Għawdxi u l-kumitati distrettwali baqgħu fis-seħħ sa Diċembru 1973 meta tneħħew mill-Prim Ministru Dom Mintoff. Dawn il-kunsilli, għalkemm iffaċċjati b'diversi sfidi, ħadmu u stinkaw ferm biex imexxu lil Għawdex 'il quddiem. Saru diversi xogħolijiet bis-saħħa tagħhom. Insemmu l-kampanja *Keep Gozo Clean* li kienet tindirizza l-ħmieġ ikkawżat mill-fatt li Għawdex kien kollu għelieqi u annimali. Kampanja oħra kienet *anti-fly campaign*, sabiex jitnaqqsu dubbien u insetti oħra, li apparti li ma jħajrux turisti jżuruna, kienu jgħinu sabiex jinxtered il-mard. Tneħħew ukoll diversi kantunieri perikolużi, kif ukoll twessgħu xi toroq prinċipali, fosthom it-triq li mir-Rabat twassal għall-Imġarr. Saru proġetti biex Għawdex ikollu ilma nadif kullimkien, sistemi tad-drenaġġ u dawl fit-toroq.

Wara nuqqas ta' għoxrin sena, fl-1993 inħolqu l-Kunsilli Lokali, u l- ewwel elezzjoni f'Għajnsielem saret f'Marzu 1994.

**Inħarsu 'l quddiem**

Fil-konferenza li saret f'għeluq il-ħamsin sena anniversarju tat-twaqqif tal- Kunsill Ċiviku Għawdxi, is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said għadda l-proposta li jitwaqqaf Kunsill Reġjonali Għawdxi li jkun jaħdem bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsilli Lokali. Hamsin sena wara t- twaqqif tal- Kunsill Ċiviku

Għawdxi qegħdin naraw li dak l-mudell ta' ħidma jgħodd ukoll għas-snin preżenti, mhux biex nifirdu lil Għawdex minn Malta, iżda sabiex l-ħtiġijiet ambjentali u soċjo-ekonomiċi ta' Għawdex ikunu mogħtija aktar attenzjoni.

## Referenzi:

*Gażżetta tal-Gvern 9 ta' Ġunju 1961*
*Joseph Bezzina, Ghajnsielem- the gateway to Gozo, 2002*
*Joseph Bezzina, Gozo's Government – The autonomy of an island through history, 2005*
*Websites:*
*http://www.timesofmalta.com/articles/view/20110719/life-features/The-rise-and-fall-of-Gozo-s-civic-council.376331*
*http://www.timesofmalta.com/articles/view/20110615/local/Said-suggests-regional-administration-for-Gozo.370610*
*http://www.timesofmalta.com/articles/view/20110614/local/said.370587*







ISMIJIET TAL-KANDIDATI GHALL-ELEZZJONI
TAL-KUMITAT DISTRETTWALI

GHAJNSIELEM

X'GHANDEK TIFTAKAR

L-ELEZZJONI FL-4 TA' ĠUNJU LI ĠEJ.

IVVOTA

